MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 677/2004/2

**Avukat Francis Portanier bhala President, Gaetano Cuschieri bhala Segretarju u John Mizzi bhala Tezorier tas-Societa` Filarmonica Nazionale La Valette**

**vs**

**George Micallef**

**Il-Qorti,**

L-atturi ipprocedew quddiem din il-Qorti bl-appell ippuntellat fuq il-bazi li l-pronunzjament ta' l-ewwel Qorti kien qed jigi minnhom konsiderat bhala digriet u mhux sentenza.

Gja fl-appell l-iehor taghhom, deciz kontestwalment, din il-Qorti stabbilit, fuq l-istregwa tal-gurisprudenza minnha citata, illi materja ta' inkompetenza kellha tigi definita permezz ta' sentenza vera u proprja u mhux permezz ta'

semplici provvediment. A skans ta' ripetizzjoni tal-konsiderazzjonijiet maghmula fis-sentenza fuq dak l-appell l-iehor, din il-Qorti tipprovdi li dawn ghandhom *mutatis mutandis* japplikaw ghal din id-decizjoni wkoll. F' kull kaz tillimita ruhha biex tirrepeti illi l-appell introdott mill-pronunzjament konsiderat bhala digriet huwa wiehed irritwali.

Ghal dawn il-motivi, similment bhal fl-appell l-iehor introdott, din il-Qorti qed tannulla l-pronunzjament ta' l-ewwel Qorti u konsegwentement tordna li l-atti jigu rinvijati lura lill-ewwel Qorti ghar-rikonsiderazzjoni skond il-ligi tal-kwestjoni involuta. In vista li dan l-appell qed jitqies irritwali, l-ispejjez tieghu jitbatew mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------